MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tad-9 ta' Marzu, 2007

Appell Civili Numru. 63/1995/2

**Samuel u Antoinette konjugi Rapa**

**v.**

**Emanuel u Josephine konjugi Refalo**

**Il-Qorti:**

**PRELIMINARI**

1. Din hija sentenza dwar appell ad istanza ta' l-atturi u appell incidentali interpost mill-konvenuti minn sentenza li nghatat mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri fl-24 ta' Ottubru 2003, fil-kawza fl-ismijiet premessi li fiha dik il-Qorti ddecidiet li gej:-
"Il-Qorti ,

“Rat ic-citazzjoni li permezz taghha l-atturi, wara li ppremettew:

“Illi huma proprjetarji tal-fond gdid minghajr numru fi Triq Sant’Antnin, Ghajnsielem, Ghawdex, li jikkonfina mill-punent mat-triq, nofsinhar ma’ beni ta’ Carmelo Rapa u mit-tramuntana ma’ beni tal-konvenuti.

“Illi fil-mori tal-bini tal-fond imsemmi l-konvenuti kienu permezz ta’ mandat ta’ inibizzjoni li rrizulta ingustifikat, zamm lill-atturi milli jibnu l-fond taghhom fuq imsemmi ghal perjodu konsiderevoli u cioe’ tmintax-il-xahar u minhabba f’hekk l-atturi sofrew danni li jikkonsistu f’gholi fi prezzijiet ta’ materjal u xoghol ta’ bini li kellhom ihallsu aktar l-istess atturi, armar (scaffolding) li kellu jerga jizzarma minhabba d-dewmien, hlas ta’ kera li l-atturi kellhom ihallsu biex isibu post alternattiv ta’ residenza u danni ohrajn li jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

“Illi l-atturi debitament interpellaw lill-konvenuti sabiex dawn jersqu ghal-likwidazzjoni u hlas ta’ danni minnhom sofferti.

“Illi d-danni sofferti huma rizultat dirett u gew ikkawzati minhabba l-agir abbusiv u llegali kif ukoll in-negligenza grassa da parti tal-konvenuti u huma ghal hekk responsabbli ghal hlas ta’ dawn id-danni.

“Talbu lill-konvenuti  jghidu ghaliex m’ghandhiex din il-Qorti:

“1. Tiddikjara lill-konvenuti responsabbli ghad-danni kollha sofferti mill-atturi minhabba l-agir negligenti, doluz, abbusiv u llegali taghhom kif fuq inghad.

“2. Tillikwida l-ammont ta’ danni sofferti mill-istess atturi occorrendo b’opera ta’ periti nominati.

“3. Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-atturi d-danni hekk likwidabbli.

"Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittri ufficjali kollha kontra l-konvenuti li jibqghu minn issa mharrka ghas-subizzjoni.

"Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-atturi kkonfermata bil-gurament ta' Samuel Rapa.

"Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti li eccepew:

"1. Illi l-eccipjenti qatt ma kellhom relazzjonijiet guridici ma' l-atturi hlief fl-avviz numru 40/93 fl-ismijiet : "Rapa Samuel –vs- Refalo Emanuel" u li l-girien li kienu allegaw li appoggaw mal-hajt divizorju kienu John u Rita Rapa, kif deciz fl-Appell fl-ismijiet : "Emanuel Refalo –vs- John u Rita konjugi Rapa" (Citaz. Nru: 99/87).

"2. Illi wkoll li kienu John u Rita Rapa stess li bl-agir taghhom ikkawzaw dina s-sitwazzjoni.

"3. Illi l-atturi xtraw il-fond in kwistjoni fis-6 ta' Gunju, 1991 fl-atti tan-Nutar Paul Pisani u kontra taghhom ma nhareg ebda Mandat u lanqas ma qatt talbu jintervjenu fl-appell deciz fl-20 ta' Marzu 1995 ghalkemm l-appogg issa qieghed jirrizulta li sostanzjalment ghamluh huma u ghal hekk kellhom interess fil-kawza.

"4. Illi s-sub ordine (sic) l-azzjoni ghad-danni allegati hija preskritta a tenur ta' l-artikolu 2153 tal-Kodici Civili.

"5. Illi fil-meritu huma m'humiex responsabbli ghad-danni allegati sofferti mill-atturi u qatt ma kkagunawlhom danni u kienu liberi li jezercitaw d-drittijiet kollha taghhom u l-eccipjenti m'ghamlu ebda mandat kontra l-atturi personalment.

"6. Illi l-konvenuti ezercitaw d-drittijiet taghhom rizultanti minn sentenza ta' din il-Qorti tal-11 ta' Dicembru 1990 fil-kawza fl-ismijiet "Emmanuel Refalo vs John Rapa et" (Cit. Nru : 99/87) u John u Rita Rapa setghu facilment jaghmlu l-kostruzzjonijiet taghhom hlief ghal parti z-zghira fejn hemm il-bitha nterna a tenur tas-sentenza.

“7. Illi ghalhekk it-talbiet attrici huma nfondati fid-dritt u fil-fatt u ghandhom jigu michuda.

“Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta’ l-istess konvenuti kkonfermata bil-gurament taghhom.

“Rat in-nota ta’ l-osservazzjonijiet tal-konvenuti.

“Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza, inkluzi l-verbali tax-xhieda mismugha u d-dokumenti esebiti.

“Ikkunsidrat:

“Illi permezz ta’ din il-kawza l-atturi qeghdin jitolbu l-likwidazzjoni u hlas tad-danni li jghidu li garrbu minhabba l-hrug ta’ mandat ta’ inibizzjoni fuq talba tal-konvenuti . Fic-citazzjoni taghhom jikkontendu illi dan il-mandat, li ma jaghtu ebda referenza ghalih, imma li mill-atti processwali jirrizulta li kien il-mandat numru: 313/91 mahrug fit-13 ta’ Settembru 1991, inhareg abbuzivament u illegalment, kif ukoll b’negligenza grassa da parti tal-konvenuti.

“Fil-qosor il-fatti saljenti li taw lok ghal din il-kawza jidhru li kienu s-segwenti:

“F’xi zmien fis-sena 1987, John u Rita konjugi Rapa, l-genituri ta’ l-attur prezenti u allura proprjetarji ta’ l-art adjacenti ghall-fond tal-konvenuti f’Ghajnsielem, inkarigaw xi haddiema biex jghollu l-hajt divizorju li kien jifred iz-zewg proprjetajiet . Il-konvenuti oggezzjonaw ghall-fatt illi l-konjugi Rapa ziedu xi filati ma’ dik il-parti tal-hajt divizorju fejn dawn kellhom *shaft* intern,[1] u nfatti ntavolaw kawza ta’ spoll kontra l-konjugi Rapa[2] . Din il-kawza giet deciza favur il-konvenuti odjerni permezz ta’ sentenza ta’ din il-Qorti tal-11 ta’ Dicembru 1990 . Rapa appellaw minn din is-sentenza u fil-mori tas-smiegh ta’ dan l-appell regghu saru xi xoghlijiet fuq dan il-hajt divizorju u ghalhekk il-konvenuti Refalo talbu u ottjenew l-ispedizzjoni ta’ mandat

[1] Ara fotokopja ta’ritratt esebit a fol. 91 (Dok. ER. 4)
[2] Citaz. nru. 99/1987 : Emmanuel Refalo vs John u Rita konjugi Rapa .

ta' inibizzjoni[3] sabiex ma jissoktawx xoghlijiet fuq dan il-hajt fil-pendenza tal-kawza . Dan huwa appuntu l-mandat li l-atturi prezenti qed jilmentaw minnu . Fl-appell is-sentenza tal-Qorti tal-prim'istanza f'dik il-kawza ta' spoll giet revokata u gie deciz illi ta' Rapa ma kienu kkomettew ebda spoll, ghax kull ma ghamlu kien li ezercitaw id-dritt li taghtihom il-ligi sabiex jappoggjaw ma' hajt divizorju u jirrenduh komuni[4].

"Preliminarjament il-konvenuti jeccepixxu n-nuqqas ta' relazzjoni guridika bejn l-atturi u l-konvenuti odjerni . Gara illi fil-pendenzi ta' dawn il-proceduri kollha, l-konjugi Rapa kienu ttrasferew il-proprjeta' ta' l-art taghhom kontigwa ghal dik tal-konvenuti lil binhom Samuel, l-attur prezenti[5] . Proprjament dan sehh anke qabel ma kien inhareg il-mandat in kwistjoni . Imma l-konjugi Rapa dan lanqas biss irrilevawh fir-risposta taghhom relattiva ghat-talba ta' Refalo ghall-hrug ta' dak il-mandat,[6] u konsegwentement il-mandat inhareg kontra taghhom u mhux kontra l-attur prezenti, minkejja illi fil-frattemp kien sar hu l-proprjetarju . Huwa minnu ghalhekk illi strettament qatt ma nhareg ebda mandat ta' inibizzjoni kontra l-atturi presenti . Zgur pero' illi dawn xorta wahda batew direttament il-konsegwenzi ta' dak l-istess mandat ghax, billi ma setghax jitkompla x-xoghol ta' kostruzzjoni f'dik li kellha tkun ir-residenza taghhom, kellhom ifittxu post alternattiv fejn joqghodu u nkorrew diversi spejjez ohra minhabba dan il-waqfien, kif appuntu jindikaw f'din il-kawza. Anke l-istess konvenuti fin-nota ta' l-eccezzonijiet taghhom jammettu illi l-atturi kellhom interess f'dik il-kawza ta' spoll ghax irrizulta illi x-xoghlijiet kienu saru minnhom[7] . Fil-fehma tal-Qorti ghalhekk ma jistghax jinghad illi ma kien hemm ebda relazzjoni guridika ma' l-atturi u konsegwentement din l-eccezzjoni preliminari tal-konvenuti qed tigi respinta.

---

[3] mandat ta' inibizzjoni nru. 313/91 gia ndikat tat-13.9.1991 (ara digriet relattiv a fol. 29)

[4] ara sentenza tal-Qorti ta' l-Appell ta' l-20.3.1995 (Dok. ER. 1 a fol. 139 et.seq. tal-process .

[5] in atti Nutar Dr. Paul G.Pisani tas-6.6.1991 (Dok. AA a fol. 22 – 23) .

[6] ara risposta a fol. 31 .

[7] ara eccezzoni numru (3) a fol. 19 .

“Giet eccepita wkoll il-preskrizzjoni ta’ sentejn a tenur ta’ l-artiklu 2152 (sic – 2153) tal-Kodici Civili. Din il-kawza giet intavolata fis-7 ta’ April 1995, ftit granet biss wara li nqatghet is-sentenza tal-Qorti ta’ l-Appell gia msemmija u ghalhekk certament aktar minn sentejn wara li sehhew l-avvenimenti li wasslu lill-atturi sabiex isofru d-danni allegati minnhom . Imma hija l-fehma ta’ din il-Qorti illi t-terminu ghal din il-preskrizzjoni kien sospiz sakemm kien ghad hemm il-pendenzi gudizzjarji rigward ix-xoghol fuq il-hajt divizorju u ma kienx ghadu gie deciz finalment jekk kellhomx jew le ragun ta’ Rapa jibnu fuq il-hajt divizorju minghajr il-kunsens tal-konvenuti. Allura din l-eccezzjoni qed tigi wkoll michuda.

“Fuq il-mertu mbaghad il-konvenuti jeccepixxu illi ma humiex responsabbli ghall-ebda danni kkagunati lill-atturi ghax kull ma ghamlu meta istitwew il-mandat ta’ inibizzjoni in kwistjoni kien li jezercitaw id-drittijiet moghtija lilhom mil-ligi . Din il-kawza giet istitwita qabel l-emendi procedurali promulgati bl-Att XXIV tas-sena 1995 li stabilew ragunijiet *ad hoc* ghaliex ghandhom jithallsu d-danni f’kaz ta’ hrug ta’ mandat ta’ inibizzjoni . Ghalhekk ma jistghax japplika l-artikolu 836(8) tal-Kap.12 ghas-sitwazzjoni prezenti, imma l-artikolu 1031 tal-Kodici Civili li jistipula li “**kull wiehed iwiegeb ghall-hsara li tigri bi htija tieghu**.“

“Il-principji stabiliti mill-gurisprudenza lokali f’kazijiet simili dwar talba ghad-danni minhabba l-hrug ta’ mandat kawtelatorju a bazi ta’ dan l-artiklu tal-ligi, huma s-segwenti:

““(a) huwa principju fondamentali illi min jezercita dritt li jispetta lilu ma jistax jitqies li f’dan l-ezercizzju ikun responsabbli ghall-hsara li bhala konsegwenza jista’ jbati haddiehor, in omagg ghall-massima ‘**qui suo iure utitur, non videtur damnum facere**’, bil-konsegwenza li d-dritt ghar-rikors ghall-protezzjoni tal-Qorti, huwa dritt li l-ezercizzju tieghu mic-cittadin ma ghandu bl-ebda mod jigi mxekkel;

“(b) illi tali dritt tac-cittadin ghar-rikors lejn il-Qorti ma ghandux jigi abbuzat;

“(c) illi l-fatt li t-talba ta’ min ipprovoka l-proceduri tigi michuda mill-Qorti, bl-ebda mod ma tfisser necessarjament li sar abbuz mid-dritt li tigi adita l-Qorti. ‘**Non e’ in colpa chi, chiede al tribunale il riconoscimento, sebbene non vi riesca**’ . (Demajo v. Page vol. XV. pg. 34. P.A. 24.1.1895) . Dan ghaliex ghalkemm il-ligi hija l-istess ghal kulhadd, huwa veru wkoll li l-ligi hija soggetta ghal diversi interpretazzjonijiet li l-partijiet jafdaw fil-gudikant biex jinterpreta u jiddecidi dwarhom.

“(d) illi tali abbuz jigi riskontrat biss f’kazijiet eccezzjonali u dan kwazi dejjem f’kazijiet ta’ vessatorjeta’ (Emanuele Calleja v. Carmelo Grima – A.C. XXXIX. I. 24) nascenti minn **mala fede** jew **dolo** jew almenu **negligenza gravament kolpusa** (Agius v. Dott. Carbone noe. –XIII. 434 –10.4.1890), fejn min ikun adixxa lill-Qorti ghall-hrug ta’ tali mandat kawtelatorju ikun ibbaza fuq cirkostanzi manifesti ‘*priva di qualsiasi fondamento nel fatto e nel diritto per cui il giudizio promosso si dimostri vessatorio . Ma un fallace apprezzamento dei fatti posta a base dell’istanza e delle conseguenze giuridiche che ne derivano non e’ sufficiente a legittimare una domanda per danni da parte del vincitore nella lite*” . (Mugliette v. Bezzina –XXVI. I. 405).

“(e) Illi dan l-ahhar principju huwa bbazat fuq il-fatt li l-element ta’ vessatorjeta’ jimplika abbuz tad-dritt ta’ azzjoni gudizzjarja,ghaliex inghad sew illi :- ‘*il diritto cessa dove commincia l’abbuzo …. riteniamo che basta, per proteggere tutti l’interessi che ne sono degni, per dare una base giuridica alle diverse decisioni che provocano i bisogni della societa’, di aderire al concetto generale che tutti i diritti hanno dei limiti*’. Applikat dan il-principju ghad-dritt ta’ azzjoni kontra persuna jfisser illi ‘ ***chi agisce in mala fede od in seguito ad un grossolano errore, puo’ essere condannato a pagare un’indemnita’ al suo avversario*** ….” (Baudry - Lacantinerie – Trattato Prattico di Diritto Civile – Delle Obligazioni – vol. VI. pg. 560).

"Fil-kaz in ezami l-atturi jattribwixxu negligenza grassa u agir abbuziv u llegali da parti tal-konvenuti . Imma jista' jinghad fid-dawl ta' dawn il-principji illi l-konvenuti tassew agixxew b'dan il-mod ? Wiehed ma jridx jinsa illi meta talbu l-hrug tal-mandat in kwistjoni l-konvenuti gia kellhom il-konfort ta' sentenza ta' din il-Qorti a favur taghhom . L-istess Qorti li harget il-mandat ghamlet dan wara li rat x'kellhom xi jghidu l-genituri ta' l-atturi fir-risposta taghhom . Imbaghad laqghet it-talba ghax dehrilha illi *prima facie* l-konvenuti kellhom drittijiet x'jissalvagwardjaw b'dik il-procedura . Kien biss fl-appell li ma nghatawx ragun fil-mertu, u dan, kif jirrizulta mill-atti processwali, ferm wara li kienu gia lahqu irtiraw l-istess mandat . Din il-Qorti nfatti taqbel ma' dak li jostnu l-konvenuti fin-nota ta' l-osservazzjonjiet taghhom fis-sens illi : "litigant li jkun ikkonfortat minn sentenza favur tieghu, sia pure tal-prim'istanza u li ma tkunx ghadha ghaddiet in gudikat, u li ghamel mandat a bazi ta' dak li tghid dik is-sentenza, ma jkunx qieghed jagixxi abbuzivament jew b'negligenza grassa. Anzi jkun hemm presunzjoni favur tieghu li huwa jkun qieghed jagixxi bil-prudenza kollha tal-*bonuspaterfamilias* biex jipprotegi l-jeddijiet tieghu,…."[8] Lanqas ma jista' jigi njorat il-fatt li johrog mill-provi,[9] illi sa mill-bidu nett il-konvenuti ppruvaw jillimitaw l-effetti ta' dan il-mandat ta' inibizzjoni . Hekk insibu illi rrestringewh ghal parti zghira tal-hajt divizorju fejn kellhom is-*shaft* intern fil-proprjeta' taghhom, b'tali mod li l-atturi setghu liberament ikomplu bil-kostruzzjoni fil-partijiet l-ohra kollha tal-proprjeta taghhom mingajr ebda xkiel ta' xejn . Hekk ukoll, wara li rrejalizzaw illi l-atturi kienu ser jappogjaw il-proprjeta' taghhom ma' dan il-hajt, u li dak li ghamlu ma kienx semplici inkejja biex inaqsulhom id-dawl mix-*shaft* intern, irtiraw dan il-mandat, minkejja li kien ghad hemm il-pendenza quddiem il-Qorti ta' l-appell u ma qaghdux jistennew illi jinqata' dak l-appell.

"F'tali cirkostanzi hija l-fehma ta' din il-Qorti illi applikati l-principji stabiliti fil-gurisprudenza taghna dwar abbuz ta'

[8] a fol. 11 ta' din in-Nota .

[9] ara affidavit tal-konvenut a fol. 82 (Dok. A) u verbal tat-18 ta' Gunju 1992 fl-atti tal-kawza citaz. 105/1991 li saret in sostenn tal-mandat in kwistjoni .

dritt fil-hrug ta' mandati kawtelatorji ghal (sic) in ezami, ma jirrizultax illi qatt kien hemm xi *mala fede* jew negligenza grassa da parti tal-konvenuti meta talbu u ottjenew il-hrug ta' dan il-mandat . Konsegwentement ma jibqa' ebda htiega li jigu ezaminati x'setghu kienu l-allegati danni kkawzati minhabba l-hrug tal-mandat in kwistjoni.

"Ghal dawn il-motivi tiddeciedi l-kawza billi, filwaqt illi tilqa' l-ecezzjonijiet tal-konvenuti fuq il-mertu, tichad it-talbiet attrici bl-ispejjez kontra l-istess atturi."

**L-APPELL TA' L-ATTURI**

2.1 L-atturi hassewhom aggravati b'din is-sentenza u interponew appell minnha ghall-fini tar-revoka taghha bl-akkoljiment tat-talbiet taghhom dedotti fl-att tac-citazzjoni u bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenuti appellati.

2.2 In succint l-aggravji ta' l-atturi jistghu jingabru fis-segwenti:

(i) li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-fatti tal-kawza. Skond il-konvenuti appellanti "kien evidenti sa mill-bidunett li l-konvenuti ma kellhom ebda dritt x'jikkawtelaw u jittutelaw u kwindi "l-fatt li (il-konvenut) kellu favur tieghu sentenza ta' l-ewwel Qorti ma kienx jiggustifika l-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni"; u

(ii) li m'huwiex "argument san (sic) li gabet l-ewwel Qorti meta qalet li l-konvenuti kienu rristringew il-mandat ghall-parti zghira tal-hajt."

Il-fatt jibqa' li l-konvenuti kienu negligenti fi grad li jaghmilhom responsabbli ghad-danni sofferti mill-atturi.

**L-APPELL INCIDENTALI TAL-KONVENUTI**

3. Il-konvenuti wkoll hassewhom aggravati bis-sentenza ta' l-ewwel Qorti u di fatti huma interponew appell incidentali minnha u finalment talbu li din il-Qorti ta' appell tirrigetta l-appell principali bl-ispejjez taz-zewg istanzi u li s-sentenza appellata tigi riformata billi jintlaqghu wkoll l-ewwel erba' eccezzjonijiet taghhom, u dan wkoll wara li jippremettu li fil-mertu s-sentenza appellata hija ekwa u gusta u jisthoqqilha konferma.

Ikun utili li jigu hawn taht riportati l-erba' eccezzjonijiet li kienu originarjament sollevati mill-konvenuti (ara nota ta' eccezzjonijiet a fol. 19 tal-process), jigifieri
(1) illi l-eccipjenti qatt ma kellhom relazzjonijiet guridici ma' l-atturi hlief il-girien li kienu allegaw li appoggaw mal-hajt divizorju kienu John u Rita Rapa, kif deciz fl-Appell fl-ismijiet **"Emanuel Refalo v. John u Rita konjugi Rapa"** (Citazzjoni Nru 98/87);

(2) illi wkoll li kienu John u Rita Rapa stess li bl-agir taghhom ikkawzaw dina s-sitwazzjoni;

(3) illi l-atturi xtraw il-fond in kwistjoni fis-6 ta' Gunju 1991, fl-atti tan-Nutar Paul Pisani u kontra taghhom ma nhareg ebda Mandat u lanqas ma qatt talbu jintervjenu fl-appell deciz fl-20 ta' Marzu 1995, ghalkemm l-appogg issa qieghed jirrizulta li sostanzjalment ghamluh huma u ghalhekk kellhom interess fil-kawza; u

(4) illi subordinatament l-azzjoni ghad-danni allegati hija preskritta a tenur ta' l-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili.

**KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI**

4. Qabel ma tinvesti l-aggravji tal-partijiet in konnessjoni ma' l-appell ta' l-atturi u l-appell incidentali tal-konvenuti, din il-Qorti jidhrilha li jkun ferm utili li qabel xejn taghmel xi osservazzjonijiet dwar certi fatti inkwetanti li taw lok ghal din il-vertenza ghar-raguni li dawn ghandhom rwol determinanti fuq ir-rizoluzzjoni ta' din il-kawza, kif ser jinghad. Immedjatament wara jkun ukoll opportun ghal din il-Qorti li tinvesti l-eccezzjoni rigwardanti l-preskrizzjoni tas-sentejn li giet sollevata mill-konvenuti ghar-raguni ovvja illi jekk tali eccezzjoni kellha tigi akkolta allura jkun ifisser li l-azzjoni attrici hi, f'kull kaz, preskritta.

5. Din hija azzjoni ta' danni li fiha l-atturi ppremettew *inter alia* li fil-mori ta' xoghol ta' bini fil-fond, proprjeta` taghhom, minghajr numru, fi Triq Sant'Antnin, Ghajnsielem, Ghawdex, huma sfaw mizmuma milli jkomplu tali xoghol ghal 18-il xahar in konsegwenza ta' l-otteniment ta' mandat ta' inibizzjoni ad istanza tal-

konvenuti "li rrizulta ingustifikat". Tajjeb hawn li jigi rilevat, kif korrettement gie espost fis-sentenza appellata mill-ewwel Qorti, li din il-kawza giet istitwita qabel l-emendi procedurali promulgati bl-Att XXIV tas-sena 1995 li stabbilew ragunijiet specifici ghaliex setghu jintalbu danni f'kaz ta' hrug ta' mandat ta' inibizzjoni. Konsegwentement, ma jistax japplika ghall-kaz in ezami l-Artikolu 836(8) tal-Kap. 12. Kellu *se mai* japplika l-Artikolu 1031 tal-Kap. 16 li jistipula li "kull wiehed iwiegeb ghall-hsara li tigri bi htija tieghu."

6. Fil-kors ta' l-ezami tal-provi, din il-Qorti, bhal dik ta' qabilha, irriskontrat mhux biss li fl-att ta' citazzjoni ma hemm indikat xejn b'mod specifiku rigwardanti l-konnotati ta' l-imsemmi mandat (ismijiet tal-partijiet, id-digriet ta' inibizzjoni li gie moghti *et coetera*) imma li effettivament ma nhareg ebda mandat ta' inibizzjoni fil-konfront ta' l-atturi appellanti. Mill-atti li dahlu fil-kors tal-kawza jirrizulta li nhareg mandat ta' inibizzjoni kontra John u Rita, konjugi Rapa, (Mandat nru 313/91) fit-13 ta' Settembru 1991 (u mhux kontra l-odjerni atturi), u dan ukoll peress li l-atturi akkwistaw il-fond *de quo* minghand l-imsemmija John u Rita Rapa, il-genituri ta' Samuel Rapa, fis-6 ta' Gunju 1991, u kwindi teknikament l-atturi ma kenux personalment kolpiti bl-imsemmi mandat. B'daqstant ma jfissirx necessarjament ukoll li l-atturi ma setghux ma sofrewx xi danni minhabba l-fatt li dan il-mandat kien qieghed jivjeta lill-awturi taghhom "milli jaghmlu kwalunkwe xoghol fuq il-fond taghhom f'dik il-parti". Il-provi juru li fil-pendenza tal-kawza istitwita kontra l-awturi taghhom mill-odjerni konvenuti appellati, l-atturi kienu prudenti li ma jaghmlu xejn in kontumelja ta' l-ordni moghtija mill-ewwel Qorti fil-konfront ta' l-awturi taghhom. Madankollu, ghandu jinghad ukoll li *rebus sic stantibus* l-atturi odjerni kien messhom jafu wkoll li l-preskrizzjoni applikabbli ghal kull azzjoni ta' danni hija wahda ta' sentejn. Fil-fatt jirrizulta li l-kontroparti konvenuta kienet pronta li fost l-eccezzjonijiet li hija ssollevat, hemm proprju l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni tas-sentejn ai termini ta' l-Artikolu 2153 tal-Kap. 16. L-ewwel Qorti ma naqsitx, fis-sentenza taghha, milli tiddeciedi dwar din l-eccezzjoni billi cahditha. Apparti li l-ewwel Qorti bi zball ovvju rriferiet

ghall-Artikolu 2152 u mhux l-Artikolu 2153 (kif tajjeb eccepit mill-konvenuti) dik il-Qorti kienet tal-fehma li, minkejja li l-inibizzjoni giet fis-sehh fit-13 ta’ Settembru 1991, u l-atturi odjerni akkwistaw il-fond fis-6 ta’ Gunju 1991, u hadu ferm aktar minn sentejn biex jintavolaw din il-kawza, jigifieri fis-7 ta’ April 1995, il-perijodu preskrittiv ta’ sentejn kien gie rez sospiz “sakemm kien ghad hemm il-pendenzi gudizzjarji rigward ix-xoghol fuq il-hajt divizorju u ma kienx ghadu gie deciz finalment jekk kellhomx jew le ragun ta’ Rapa (i.e. l-odjerni konvenuti) jibnu fuq il-hajt divizorju minghajr il-kunsens tal-konvenuti”. Din il-Qorti ma taqbilx ma’ dak li gie finalment ritenut mill-ewwel Qorti fir-rigward ta’ l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni. Li kieku rrizulta li fil-kuntratt ta’ akkwist l-atturi ottenew ukoll minghand l-awturi taghhom id-dritt litigjuz ghalbiex ikomplu f’isimhom il-kawza l-ohra istitwita minn John u Rita Rapa kontra l-konvenuti, allura l-kaz kien ikun differenti. L-istess jinghad li kieku rrizulta li l-atturi intervenew fil-kawza *qua* s-sidien il-godda tal-fond *de quo*. Setghu, f’kull kaz, jaghmlu protest ufficjali kontra l-konvenuti biex dawn jitqeghdu “*in dola, culpa et mora*” minhabba l-mandat ta’ inibizzjoni mahrug. Izda minn dan kollu jirrizulta li l-atturi ma ghamlu xejn u lanqas biss ma hadu il-briga li jinfurmaw lill-konvenuti bil-fatt li nel frattemp huma kienu akkwistaw il-proprjeta` tal-fond u li minhabba l-mandat ta’ l-inibizzjoni ma setghux jitkomplew xogholijiet fil-fond u li inoltre huma kienu kostretti li jsibu akkomodazzjoni, bi hlas, band’ohra. Li kieku ghamlu xi pass simili, il-konvenuti kien ikollhom jirreagixxu b’xi mod. Dan kollu qieghed jinghad ghar-raguni li l-konvenuti dejjem imxew b’certa prudenza kull meta agixxew gudizzjarjament kontra l-awturi ta’ l-atturi. Hekk per ezempju jirrizulta li huma llimitaw l-inibizzjoni ghal dik il-parti biss li tifred ix-“shaft” intern li jifred proprjeta` minn ohra, u fl-ewwel okkazzjoni li kien hemm ikkoperaw biex id-danni, jekk kien hemm, ikunu minimizzati. Izda fil-fehma ta’ din il-Qorti bil-fatt biss li kien hemm gia` kawza istitwita mit-terz kontra l-konvenuti, ankorke` awturi ta’ l-atturi f’dak li huwa titlu, dan il-fatt ma kienx wiehed tali li kellu jsegwi bhala att ta’ sospensjoni tal-preskrizzjoni a favur ta’ l-atturi. Bejn id-data li fiha l-atturi akkwistaw il-fond, jigifieri fis-6 ta’ Gunju 1991, u d-data meta huma

pprezentaw l-att tac-citazzjoni, jigifieri fis-7 ta' April 1995, kienu lahqu ghaddew tlett (3) snin u ghaxar (10) xhur u darba li, kif inghad, l-atturi ma hadu ebda passi kwalsiasi biex jissalvagwardaw il-posizzjoni legali taghhom skond il-ligi, ma jistax jinghad li sehhet xi sospensjoni tal-preskrizzjoni.  X'kien jigri li kieku ghall-grazzja ta' l-argument, il-kawza istitwita mill-awturi taghhom hadet ghaxar snin jew aktar biex tigi deciza?  Certament l-atturi qatt ma setghu jippretendu li huma kienu intitolati li jidhlu fiz-zarbun ta' l-awturi taghhom b'mod awtomatiku u jitolbu hlas ta' danni bi dritt kif ippretendew f'din il-procedura.  Fi kliem aktar semplici jekk tassew sehhet xi sospensjoni tal-preskrizzjoni applikabli f'kawza ta' danni din kienet s*e mai* valida biss fir-rapporti guridici ezistenti bejn il-konvenuti odjerni u l-konjugi John u Rita Rapa, awturi ta' l-atturi odjerni.  Ghalhekk jirrizulta li l-azzjoni ta' danni intentata mill-atturi hija preskritta a tenur ta' l-Artikolu 2153 tal-Kap. 16 li jiddisponi hekk,
"L-azzjoni ghall-hlas ta' danni mhux ikkagunati b'reat taqa' bi preskrizzjoni bl-gheluq ta' sentejn."

In vista tas-suespost ma hemm ebda htiega li din il-Qorti tezamina l-bqija ta' l-aggravji.

Ghal dawn il-motivi, tiddeciedi billi filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata in kwantu din cahdet it-talbiet attrici a bazi pero` li l-azzjoni intentata mill-atturi hija preskritta a tenur ta' l-Artikolu 2153 tal-Kap. 16, tilqa' ghalhekk l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenuti appellati kif ukoll l-aggravju taghhom dwar il-preskrizzjoni formanti parti mill-appell incidentali, u tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' l-aggravji l-ohra kontenuti kemm fl-appell principali ta' l-atturi u l-appell incidentali tal-konvenuti;  u, fl-ahharnett, tichad l-appell ta' l-atturi bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra taghhom, komprizi dawk relativi ghall-appell incidentali interpost mill-konvenuti appellati.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------